VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 52 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61(2)(q) u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura u l-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tmien Skeda".

Kap. 504.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ kif ġej:

(a) fir-rigward ta' żviluppi f'residenzi f'żoni għall-iżvilupp ta' *terraced houses* fiż-żona tal-iżvilupp speċifikata fis-subkategoriji (i), (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu 1 tal-Kategorija B, kif sostitwit bir-regolament 2, dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2012; u

(b) fir-rigward tal-iżviluppi l-oħra kollha speċifikati fil-bqija tas-subkategoriji tal-paragrafu 1 tal-Kategorija B, kif sostitwit bir-regolament 2, dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2013.

Jemenda t-Tmien Skeda.

2. Il-paragrafu 1 tal-Kategorija B tat-Tmien Skeda għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw fir-rigward ta' żvilupp li jkun jeżisti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u għandu jinkludi dan li ġej:

(i) Kobor ta' btieħi interni

(a) fil-każ li t-tul ta' xi naħa tal-bitħa interna jkun sa 65% ta' dak meħtieġ mil-liġi u l-area totali tal-bitħa tkun aktar minn 65% tal-kejl li suppost kienet;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fil-każ li t-tul ta' xi naħa tal-bitħa interna jkun bejn 50% u 65% ta' dak meħtieġ mil-liġi u l-area totali tal-bitħa tkun fil-limiti ta' dak il-kejl, kemm-il darba sopportati minn rapport ta' inġinier fejn jiddikjara li l-kmamar abitabbli fl-abitazzjoni għandhom dawl adegwat u ventilazzjoni assistiti, skont il-każ, iżda mhux esklussivament limitati għal dawl artifiċjali u ventilazzjoni mekkanika furzata rispettivament;

(ċ) bini bi btieħi interni li jkunu anqas min-nofs il-qies tal-kejl li suppost kienu m'humiex inklużi:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (i) għandhom japplikaw għall-abitazzjonijiet fl-oqsma kollha u għall-bini f'żoni ta' żvilupp limitati għall-Klassi 2, Klassi 3, Klassi 4, Klassi 5, Klassi 6, Klassi 7, Klassi 8, Klassi 9, Klassi 10 li minnhom it-terminu "post kummerċjali" japplika biss għal "skejjel", Klassi 17, kif ukoll l-użi elenkati fl-artikolu 4(b), (d), (e), (m), (n) u (p) tal-Ordni tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(ii) Kobor ta' btieħi ta' wara

(a) fil-każ li l-fond ta' xi bitħa ta' wara jkun sa 65% ta' dak meħtieġ mil-liġi u l-area totali tal-bitħa tkun ta' aktar minn 65% tal-kejl li suppost kienet;

(b) fil-każ li l-fond ta' xi bitħa ta' wara jkun bejn 50% u 65% ta' dak meħtieġ mil-liġi u l-area totali tal-bitħa tkun fil-limiti ta' dak il-kejl, kemm-il darba sopportati minn rapport ta' inġinier fejn jiddikjara li l-kmamar abitabbli fl-abitazzjoni għandhom dawl u ventilazzjoni adegwati;

(ċ) bini li jkollu bitħa ta' wara anqas min-nofs il-kejl tal-kejl li suppost kienet mhumiex inklużi:

Iżda d-disposizzjonijiet tas-subkategorija (ii) m'għandhomx japplikaw għall-btieħi ta' wara fejn id-distanza li jifdal mill-ħajt komuni ta' wara hija inqas minn 1.5 metru fi kwalunkwe punt:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tas-subkategorija (ii) għandhom japplikaw għal residenzi f'żoni għall-iżvilupp ta' *terraced houses* fiż-żona tal-iżvilupp u għall-bini fiż-żoni ta' żvilupp limitati għall-Klassi 2, Klassi 3, Klassi 4, Klassi 5, Klassi 7, Klassi 8, Klassi 10 li minnhom it-terminu "post

VERŻJONI ELETTRONIKA

kummerċjali" japplika biss għal "skejjel", Klassi 17, kif ukoll l-użi elenkati fl-artikolu 4(d), (e), (m), (n) u (p) tal-Ordni tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tas-subkategorija (ii) għandhom japplikaw ukoll għal residenzi f'Kategorija 1 u Kategorija 2 *Settlements* Rurali ODZ, u għal residenzi f'żoni għall-iżviluppi ta' villel u *bungalows* kemm-il darba li l-kopertura statutorja tas-sit ma tkunx qed tinqabeż jew tkun konformi mas-subkategorija (viii)(a) u kemm-il darba li l-konfini tal-ġenb ma jkunx mittiefes iktar minn dak kopert mis-subkategorija (vi)(a).

(iii) Għoli intern ta' strutturi

(a) bini li jkollu għoli intern sħiħ mil-livell tal-art sal-livell tas-saqaf ta' aktar minn 2.6 metri;

(b) bini li jkollu għoli sħiħ mill-livell tal-art sal-livell tas-saqaf ta' anqas minn 2.6 metri iżda aktar minn 2.4 metri kemm-il darba sopportati minn rapport ta' inġinier fejn jiddikjara li l-kmamar abitabbli fil-bini għandhom dawl u ventilazzjoni adegwati;

(ċ) bini li jkollu għoli sħiħ mill-livell tal-art sal-livell tas-saqaf ta' anqas minn 2.4 metri mhumiex inklużi:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (iii) għandhom japplikaw għall-abitazzjonijiet fl-oqsma kollha u għall-bini f'żoni ta' żvilupp limitati għall-Klassi 2, Klassi 3, Klassi 4, Klassi 5, Klassi 6, Klassi 7, Klassi 8, Klassi 9, Klassi 10 li minnhom it-terminu "post kummerċjali" japplika biss għal "skejjel", Klassi 17, kif ukoll l-użi elenkati fl-artikolu 4(d), (e), (m), (n) u (p) tal-Ordni tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(iv) Kamra fil-btieħi ta' wara

Kmamar fuq livell terran jew fuq livell immedjatament fuq livelli ta' garaxxijiet jew ħwienet ta' kwalunkwe bini, kemm-il darba li l-kamra jkollha ventilazzjoni naturali u dawl naturali, sakemm l-area kumulattiva tal-kamra u kull tnaqqis fid-daqs tal-bitħa ta' wara ma jaqbiżx 35% tal-area meħtieġa għall-bitħa ta' wara, u kemm-il darba li l-għoli minn barra tal-kamra inkluż kull opramorta ma jkunx ogħla minn 3.4 metri fuq il-livell lest tal-bitħa ta' wara:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (iv) għandhom japplikaw għal residenzi f'żoni għall-iżvilupp ta' *terraced houses* fiż-żona tal-iżvilupp u għall-bini fiż-żoni ta' żvilupp limitati għall-Klassi 2, Klassi 3, Klassi 4, Klassi 5, Klassi 7, Klassi 8, Klassi 10 li minnhom it-terminu "post kummerċjali" japplika biss għal "skejjel", Klassi 17, kif ukoll l-użi elenkati fl-artikolu 4(d), (e), (m), (n) u (p) tal-Ordni tal-1994 dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (iv) għandhom japplikaw ukoll għal residenzi f'Kategorija 1 u Kategorija 2 *Settlements* Rurali ODZ, u għal residenzi f'żoni għall-iżviluppi ta' villel u *bungalows* kemm-il darba li l-kopertura statutorja tas-sit ma tkunx qed tinqabeż jew tkun tikkonforma mas-subkategorija (viii)(a) u kemm-il darba li l-konfini tal-ġenb ma jkunx mittiefes aktar minn dak kopert mis-subkategorija (vi)(a).

(v) *Encroachment* lil hinn minn proprjetà

(a) rampi jew turġien li ma jkunux jisporġu iktar minn 30 ċentimetru lil hinn mill-linja uffiċjali għal fuq il-bankina kemm-il darba li tinżamm il-wisa' ta' 1.2 metri tal-bankina. Dan m'għandux japplika fir-rigward ta' żoni skemati b'ġnien ta' quddiem;

(b) pilastri li l-għoli tagħhom ma jkunx jeċċedi 1.4 metri, li ma jkunux usa' minn 50 ċentimetru u li ma jkunux jisporġu aktar minn 30 ċentimetru lil hinn mill-linja uffiċjali:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (v) għandhom japplikaw biss għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Ħwienet tal-Klassi 4 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' < 75m^2 għall-imnut u mingħajr ebda friża kummerċjali fuq is-sit);

(iii) Uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' < 75m^2 għall-uffiċċju u fil-livell terran);

(iv) Faċilitajiet Soċjali, tal-Komunità, Edukattivi, Governattivi u Reliġjuži fiż-żona tal-iżvilupp;

(v) Żoni maħsuba għall-Industrija jew Magazzinaġġ; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(vi) Użi msemmijin hawn fuq li jkunu jinsabu f'Kategorija 1 *Settlements* Rurali ODZ:

Iżda wkoll l-iżvilupp identifikat f'din is-subkategorija għandu jitneħħa fuq talba ta' kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż il-Kunsill Lokali, u xejn li jinsab fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inkluż din l-Iskeda, ma jista' jippreġudika talba bħal din.

(vi) *Encroachment* fil-proprjetà

(a) meta l-faċċati propja tal-bini infushom, minbarra kompartimenti, *porches*, u kwalunkwe struttura oħra li l-għoli tagħhom ikun jeċċedi 1.25 metri, jidħlu fl-ewwel 1/3 tal-ġonna fuq quddiem, u mhux aktar minn 25 ċentimetri f'ġonna mal-ġenb ta' villel jew *bungalows*;

(b) strutturi f'ġonna fuq quddiem u tal-ġenb u l-isporġenzi tas-soqfa li l-għoli tagħhom ma jkunx jeċċedi 1.25 metri esternament 'il fuq mit-terran u li ma jkunux akbar minn $10m^2$;

(ċ) f'każijiet fejn l-isporġenzi ta' strutturi permessi fuq soqfa fuq residenzi jiġu mnaqqsa għal mhux anqas minn 4 metri mill-elevazzjonijiet tal-bini sottostanti; u

(d) f'każijiet fejn l-isporġenzi ta' garaxxijiet awtorizzati fil-konfini tal-ġenb ta' żvilupp skemat għal villel jew *bungalows* jiġu mnaqqsa għal mhux anqas minn 4 metri mill-allinjament tal-bini:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (vi) għandhom japplikaw biss għal:

(i) Żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Ħwienet tal-Klassi 4 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' $<75m^2$ għall-imnut u mingħajr ebda friża kummerċjali fuq is-sit);

(iii) Uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' $<75m^2$ għall-uffiċċju u fil-livell terran);

(iv) Użi msemmijin hawn qabel li jkunu jinsabu f'Kategorija 1 *Settlements* Rurali ODZ.

(vii) Ħolqien ta' unitajiet residenzjali addizzjonali

F'żoni maħsuba għall-iżvilupp ta' residenzi *terraced* jew għal żviluppi residenzjali f'Kategorija 1 *Settlements* Rurali ODZ, il-bidla fl-użu għall-iżvilupp residenzjali u, jew il-ħolqien ta' unitajiet residenzjali addizzjonali permezz tas-subdiviżjoni ta' unità permessa residenzjali fi tnejn jew aktar. Dan m'għandux japplika għall-ħolqien ta' jew bidla fl-użu ta' unitajiet residenzjali li jkunu jinsabu fuq livell ta' *penthouse* jekk dan ikun jinvolvi bidla fl-użu mill-kmamar tal-ħasil, u għall-unitajiet residenzjali fuq livell ta' *basement* kemm-il darba li aktar minn 50% taż-żona tal-faċċata tal-unità hija 'l fuq mil-livell tat-triq pubblika jew f'każijiet fejn l-elevazzjoni tal-faċċata ta' wara tar-residenza tħares fuq u 'l fuq minn *drive* intern bla saqaf jew spazju akbar miftuħ li ma jkunx jista' jiġi żviluppat jew li jkollu prospett miftuħ li jagħti fuq livelli ta' terren li jkunu qed jonqsu:

Iżda għal każijiet ta' bidla fl-użu għal unità residenzjali, id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (vii) għandhom jkunu applikabbli biss jekk tingħata prova kuntrattwali jew prova valida oħra għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, fis-sens li l-bidla fl-użu għal residenza tkun diġà saret qabel id-29 ta' Jannar 2013:

Iżda wkoll għal każijiet ta' subdiviżjoni ta' unità permessa residenzjali f'żewġ unitajiet jew aktar, id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (vii) għandhom jkunu applikabbli biss jekk tingħata prova kuntrattwali jew prova valida oħra għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, fis-sens li s-subdiviżjoni tkun diġà seħħet sa mid-29 ta' Jannar 2013, U:

(i) li s-sid preżenti tal-unità mhuwiex is-sid oriġinali; JEW

(ii) li jekk is-sid preżenti tal-unità għadu s-sid oriġinali tagħha, id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (vii) ikunu applikabbli biss jekk is-sid oriġinali m'għadux is-sid ta' xi unità maġenb l-unità taħt konsiderazzjoni fuq l-istess pjan hekk li dawn l-unitajiet jistgħu jkunu amalgamati f'unità waħda li tkun akbar:

Iżda wkoll il-perjodu ta' grazzja ta' sitt xhur mogħti hawn aktar 'il quddiem, fejn id-dikjarazzjoni ta' perit tkun meqjusa li tkun biżżejjed għall-finijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, m'għandux japplika fir-rigward ta' din is-subkategorija.

(viii) Area u kopertura tas-sit

(a) kopertura ta' sit mibni li ma tkunx teċċedi l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

15% ta' dak permissibbli u kemm-il darba li kull *encroachment* f'ġonna fuq quddiem u mal-ġenb u bitħi ta' wara ma jkunx akbar minn dak speċifikat fid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda;

(b) plot jew area tas-sit inadegwat fejn l-area riżultanti tal-plot ma tkunx anqas minn 75% tal-area minima permissibbli u kemm-il darba li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' din is-subkategorija rigwardanti kemm kopertura kif ukoll sporġenzi jkunu wkoll rispettati.

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (viii) għandhom japplikaw biss għal żvilupp residenzjali f'żoni maħsuba għall-iżvilupp ta' villel u *bungalows*.

(ix) Żieda fil-għoli

Żieda fl-għoli tal-iżvilupp ġenerali tal-bini, jew partijiet minnu (minbarra fl-għoli ta' kwalunkwe struttura tas-saqaf), sakemm:

(a) l-għoli ġenerali, inkluż il-ħajt tal-parapett, ma jkunx miżjud b'aktar minn 1.25 metri minn dak approvat fil-permess għall-iżvilupp;

(b) iż-żieda fl-għoli ma tkunx tinvolvi sulari addizzjonali;

(ċ) fil-każ ta' garaxx fuq pjan terran f'żvilupp ta' tip *terraced*, il-garaxx ma jkunx imsaqqaf fuq aktar minn 4.1 metri u l-blata tal-bieb tal-garaxx ma tkunx teċċedi 3.3 metri; u

(d) l-għoli estern tal-garaxx fil-konfini tal-ġenb ta' villa skemata u, jew żvilupp ta' *bungalow* jew fi żvilupp ta' garaxx intern ma jkunx jeċċedi 3.3 metri, inkluża kwalunkwe opramorta, u l-blata tal-bieb tal-garaxx ma tkunx teċċedi 2.8 metri:

Iżda fil-paragrafu (ċ) ta' din is-subkategorija, is-sid ta' residenza sovrastanti jista' wkoll jippreżenta applikazzjoni biex id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunu japplikaw fir-rigward tal-garaxx sottostanti ukoll jekk dik il-persuna ma tkunx is-sid tal-garaxx. Fi kwalunkwe każ l-applikant għandu jinforma s-sid tal-garaxx:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (ix) għandhom japplikaw biss għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Faċilitajiet Soċjali, tal-Komunità, Edukattivi, Governattivi u Reliġjużi fiż-żona tal-iżvilupp; u

(iii) Żoni maħsuba għall-Industrija jew Magazzinaġġ, f'liema żoni l-limitazzjonijiet relatati mal-għoli ta' blajjet ta' bibien imsemmijin hawn aktar qabel m'għandhomx japplikaw.

(x) Modifiki Esterni

Eskluži l-każijiet li jaqgħu taħt is-subkategorija (vi), żidiet esterni ta' elevazzjoni, modifiki u alterazzjonijiet (inkluži materjali) li jkunu jeżistu fuq il-faċċati u, jew fuq elevazzjonijiet li jagħtu għal fuq żoni pubbliċi, ħlief għal:

(a) il-ħolqien jew it-tkabbir ta' kmamar li jipprojettaw għal fuq il-faċċati ta' toroq;

(b) estensjonijiet ta' gallariji li jkunu jeċċedu b'25 ċentimetru dak permissibbli fi kwalunkwe direzzjoni;

(ċ) *porches*;

(d) unitajiet tal-arja kondizzjonata u tagħmir tat-telekomunikazzjoni imwaħħlin mal-faċċati;

(e) ħitan solidi ta' quddiem jew tal-ġenb ta' ġnien li jkunu jeċċedu 1.6 metri fl-għoli:

Iżda estensjonijiet għal proprjetà f'żoni skemati għal villel u *bungalows* għandhom japplikaw biss skont is-subkategorija (viii). Kwalunkwe estensjoni oħra f'din is-subkategorija m'għandhiex tapplika għal *footprints* li jkunu jeċċedu 10m^2 u, meta jkunu f'ġonna statutorji ta' quddiem jew tal-ġenb, ma jkunx hemm *encroachment* lil hinn mil-limiti stabbiliti fis-subkategorija (vi)(a) u (d) skont kif ikun japplika:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (x) għandhom japplikaw biss għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp minbarra f'UCAs;

(ii) uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 għall-uffiċċju u fil-livell terran) fiż-żona tal-iżvilupp minbarra f'UCAs.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(xi) Modifiki esterni mhux viżibbli minn toroq pubbliċi

Eskludi l-każijiet li jaqgħu taħt is-subkategorija (vi), żidiet esterni ta' elevazzjoni, modifiki u alterazzjonijiet (inklużi materjali) għall-elevazzjonijiet li ma jkunux jagħtu għal fuq żoni pubbliċi u li ma jkunux viżibbli u li ma jispikkawx minn żoni pubbliċi:

Iżda estensjonijiet għal proprjetà f'żoni skemati għal villel u *bungalows* għandhom japplikaw biss skont is-subkategorija (viii). Kwalunkwe estensjoni oħra f'din is-subkategorija m'għandhiex tapplika għal *footprints* li jkunu jeċċedu 10m^2 u, meta f'ġonna statutorji ta' quddiem jew tal-ġenb, ma jkunx hemm *encroachment* lil hinn mil-limiti stabbiliti fis-subkategorija (vi)(a) u (d) skont kif ikun japplika:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (xi) għandhom japplikaw biss għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Ħwienet tal-Klassi 4 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 għall-imnut u mingħajr ebda *freezers* kummerċjali fuq is-sit);

(iii) Uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 għall-uffiċċju u fil-livell terran);

(iv) Faċilitajiet Soċjali, tal-Komunità, Edukattivi, Governattivi u Reliġjużi fiż-żona tal-iżvilupp; u

(v) Użi msemmijin hawn fuq li jkunu jinsabu f'Kategorija 1 *Settlements* Rurali ODZ.

(xii) Modifiki fil-livell tal-garaxx

Alterazzjonijiet interni u, jew modifikazzjonijiet fil-livelli tal-garaxx u ċirkolazzjoni fihom kemm-il darba li ebda daħliet u, jew ħruġ jkunu eliminati, l-iżvilupp ikun qed jintuża, u fil-każijiet b'aktar minn livell wieħed ta' parkeġġ: kemm-il darba li l-bidliet jkunu konfermati minn Rapport tas-Sigurtà tan-Nirien u Rapport tas-Sigurtà tat-Trasport (li jkunu jkopru manuvrabbiltà, ħruġ, eċċ) li ma jkunux jaffettwaw is-sigurtà tal-utenti u, jew ta' terzi. Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal żviluppi kbar. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw ukoll f'każijiet fejn ikun hemm differenza fin-numru ta' livelli ta' garaxxijiet jew fl-ammont ta' garaxxijiet minn dak li jkun ġie approvat fil-

permess għall-iżvilupp:

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subkategorija (xii) għandhom japplikaw biss fejn l-iżvilupp sovrastanti jkun limitat għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Ħwienet tal-Klassi 4 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 għall-imnut u bl-ebda *freezers* kummerċjali fuq is-sit);

(iii) Uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 għall-uffiċċju u fil-livell terran);

(iv) Użi msemmijin hawn fuq li jkunu jinsabu f'Kategorija 1 *Settlements* Rurali ODZ,

jew taħlita ta' hawn fuq.

(xiii) Modifiki Interni

Alterazzjonijiet planimetriċi interni u, jew modifikazzjonijiet fl-unitajiet:

Iżda dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw biss kemm-il darba li dawn l-alterazzjonijiet u, jew modifiki:

(i) ikunu jinsabu fil-*footprint* mibni permess;

(ii) ma jkunux jagħtu lok għal unitajiet addizzjonali;

(iii) ma jkunux jinkludu bdil fl-użu;

(iv) ma jkunux imorru kontra l-kundizzjonijiet tal-permess;

(v) ma jkunux imorru kontra l-ħtiġiet sanitarji:

Iżda dawn il-limitazzjonijiet fil-partiti (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija ma għandhomx japplikaw jekk ikunu koperti minn dispożizzjonijiet oħra f'din l-Iskeda:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tas-subkategorija (xiii) għandhom japplikaw biss għal:

(i) żvilupp residenzjali fiż-żona tal-iżvilupp;

(ii) Ħwienet tal-Klassi 4 fiż-żona tal-iżvilupp (bi

VERŻJONI ELETTRONIKA

spazju użabbli ta' <75m^2 għall-imnut u mingħajr ebda *freezers* kummerċjali fuq is-sit);

(iii) Uffiċċji tal-Klassi 5 fiż-żona tal-iżvilupp (bi spazju użabbli ta' <75m^2 spazju għall-uffiċċju u fil-livell terran);

(iv) Faċilitajiet Soċjali, tal-Komunità, Edukattivi, Governattivi u Reliġjużi fiż-żona tal-iżvilupp; u

(v) Żoni maħsuba għall-Industrija jew Magazzinaġġ.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 hawn fuq imsemmija għandhom japplikaw skont kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal bini skedat u għall-iżvilupp li jkun jinvolvi skavi f'Żoni ta' Importanza Arkeoloġika;

(b) jekk xi talba, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 91 tal-Att għar-rigward ta' żviluppi fil-paragrafu 1 fis-subkategoriji (i), (ii), (iii) u (iv) f'residenzi f'żoni maħsuba għall-iżvilupp ta' tip *terraced* fiż-żona tal-iżvilupp, tkun magħmula lill-Awtorità sal-31 ta' Jannar 2013, għandu jkun preżunt li l-iżvilupp li għalih tirreferi t-talba kien eżista qabel l-1 ta' Awwissu 2012 kemm-il darba li l-perit li jkun ippreżenta t-talba jiċċertifika li l-iżvilupp li għalih tirreferi t-talba kien eżista qabel l-1 ta' Awwissu 2012, u l-istess talba tkun tinkludi evidenza fotografika li turi l-istess żvilupp bħala eżistenti fuq is-sit, u kemm-il darba li ma jkunx hemm prova kuntrarja, jew li ma toħroġ ebda evidenza għall-kuntrarju wara:

Iżda wkoll jekk talba bħal dik ma tiġix preżentata sal-31 ta' Jannar 2013, l-oneru tal-prova li l-iżvilupp inkwistjoni kien jeżisti qabel l-1 ta' Awwissu 2012 għandu jkun fuq l-applikant jew il-perit tiegħu;

(ċ) jekk xi talba taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 91 tal-Att fir-rigward tal-iżviluppi l-oħra kollha fil-paragrafu 1 li mhumiex inklużi fil-paragrafu (b) ta' hawn qabel, tkun magħmula lill-Awtorità sat-28 ta' Lulju 2013, għandu jkun preżunt li l-iżvilupp li għalih tirreferi t-talba kien eżista qabel id-29 ta' Jannar 2013 kemm-il darba li l-perit li jkun ippreżenta t-talba jiċċertifika li l-iżvilupp li għalih tirreferi t-talba kien eżista qabel id-29 ta' Jannar 2013, u l-istess talba tkun tinkludi evidenza fotografika li turi l-istess żvilupp bħala eżistenti fuq

VERŻJONI ELETTRONIKA

is-sit, u kemm-il darba li ma jkunx hemm prova kuntrarja, jew li ma toħroġ ebda evidenza għall-kuntrarju wara:

Iżda jekk talba bħal dik ma tiġix preżentata sat-28 ta' Lulju 2013, l-oneru tal-prova li l-iżvilupp inkwistjoni kien jeżisti qabel id-29 ta' Jannar 2013 għandu jkun fuq l-applikant jew il-perit tiegħu.".